MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 58/2024 LM

**Tastees Manufacturing Ltd., kumpannija inkorporata f'Malta b'dettalji ta' reġistrazzjoni ittra "C" numru 1503 u b'indirizz reġistrat ta' Factory A3, Industrial Estate, Marsa, Malta**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali**
*('il-Kontrollur appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Tastees Manufacturing Limited**, kumpannija inkorporata f'Malta b'dettalji ta' reġistrazzjoni ittra "C" numru 1503 u b'indirizz reġistrat ta' Factory A3, Industrial Estate, Marsa, Malta [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-

**Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-25 ta' Ġunju, 2024 [minn issa 'il quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] fir-rigward tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-*trademark* bin-numru 67502 "SIZZZLERS" fir-Reġistru tat-*Trademarks* ta' Malta, li saret mis-soċjetà appellanta fit-22 ta' Frar, 2024.

**Fatti**

2. Fit-22 ta' Frar, 2024, is-soċjetà rikorrenti ressqet applikazzjoni fir-Reġistru tat-*Trademarks* ta' Malta, għat-*trademark* bin-numru ta' applikazzjoni 67502 "SIZZZLERS", sabiex tkopri *potato snacks; potato products and potato foodstuffs prepared in the form of snacks; manufactured or processed potato products for snacks.* Permezz ta' ittra mibgħuta lis-soċjetà rikorrenti fit-3 ta' April, 2024, il-Kontrollur intimat infurmaha li l-applikazzjoni tagħha ma kinitx ser tiġi milqugħa, għaliex il-marka proposta minnha tista' titqies li hija deskrittiva u tindika x-xorta jew il-kwalità jew l-iskop maħsub tal-oġġetti jew tas-servizzi koperti b'din l-applikazzjoni. Il-Kontrollur appellat qal lis-soċjetà rikorrenti sabiex tikkunsidra li temenda l-marka proposta minnha, billi żżid element jew fattur ieħor mal-kliem propost minnha, u dan sabiex l-applikazzjoni tagħha tkun tista' tiġi evalwata mill-ġdid.

3. Fis-16 ta' Mejju, 2024, is-soċjetà rikorrenti għamlet numru ta' sottomissjonijiet quddiem il-Kontrollur intimat sabiex dan ibiddel il-pożizzjoni tiegħu, u jaċċetta li fuq raġunijiet assoluti, it-*trademark* proposta hija reġistrabbli *"by virtue of the fact that it does not designate the kind / quality / intended purpose of the goods covered by the application"*. Iżda b'ittra tal-25 ta'

Ġunju, 2024, il-Kontrollur intimat reġa' kkomunika mas-soċjetà rikorrenti li d-deċiżjoni tiegħu kienet ser tibqa' inalterata, u s-soċjetà rikorrenti ingħatat żmien ta' disgħin (90) jum sabiex temenda l-applikazzjoni tagħha kif kien diġà ġie indikat minnu. Il-Kontrollur intimat informa lis-soċjetà rikorrenti li jekk hija tonqos milli tressaq l-emenda tagħha fiż-żmien propost, l-applikazzjoni tagħha kienet ser tiġi rifjutata.

**<u>L-Appell</u>**

4. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fid-9 ta' Lulju, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali tal-25 ta' Ġunju, 2024 dwar it-*trademark* numru 67502 "SIZZZLERS", u minflok tipprovdi billi tilqa' dan l-appell, u tordna lill-appellat jipproċedi billi jippubblika l-istess *trademark* fuq il-ġurnal uffiċjali *online*, sabiex il-proċedura ta' applikazzjoni tal-istess *trademark* tkun tista' titkompla.

5. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha, is-setgħat u d-diskrezzjonijiet mogħtija lill-Kontrollur appellat fil-Kap. 597 tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-eżami li kellu jagħmel fir-rigward tat-talba tagħha għar-reġistrazzjoni tat-*trademark* partikolari ppreżentata quddiemu, ġew applikati ħażin, u dan għaliex m'hemm xejn fil-liġi li jimpedixxi lill-Kontrollur milli jirreġistra l-marka "SIZZZLERS" dwar *snacks* tal-patata jew prodotti tal-patata ppreparati fil-forma ta' *snacks*, u għalhekk il-Kontrollur ma kellux għalfejn jinvoka d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48(3) tal-Kap. 597.

6. Is-soċjetà appellanta saħqet li t-*trademark “*SIZZZLERS” tikkwalifika bħala sinjal li huwa oġġettivament kapaċi jiddistingwi l-prodotti tas-soċjetà appellanta minn dawk ta’ ħaddieħor, sabiex b’hekk jaqa’ fid-definizzjoni ta’ *trademark* kontenuta fl-artiklu 4(2) tal-istess Kap. 597 li jiddefinixxi *trademark* bħala li:

> “tista’ tkun tikkonsisti minn kull sinjal, b’mod partikolari kliem, inklużi ismijiet personali, jew disinji, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta’ oġġetti jew tal-imballaġġ ta’ oġġetti, jew ħsejjes, sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:
>
> (a) jiddistingwu l-oġġetti jew is-servizzi ta’ impriża waħda minn dawk ta’ impriżi oħra; u
>
> (b) tniżżlu fir-Reġistru b’manjiera li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jagħrfu b’mod ċar u preċiż xi jkun is-suġġett tal-protezzjoni mogħtija lill-proprjetarju tat-*trademark.*”

7. Is-soċjetà appellanta qalet li hawnhekk *si tratta* ta’ sinjal, il-kelma vvintata “SIZZZLERS”, li huwa kapaċi jiddistingwi l-oġġetti li dwarhom saret l-applikazzjoni, u dan is-sinjal huwa mniżżel fir-Reġistru tat-*Trademarks* b’mod grafiku u b’mod li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jagħrfu b’mod ċar u preċiż is-suġġett tal-protezzjoni li għandha tiġi mogħtija lill-istess kumpannija appellanta bħala proprjetarja tal-marka kummerċjali in kwistjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ma tistax tifhem għal liema raġuni tali sinjal jista’ b’xi mod jiġi kkunsidrat, *ai termini* tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Kap. 597, bħala *trademark* li tikkonsisti esklussivament f’sinjal jew indikazzjoni li jservi, fil-kummerċ, biex ifisser ix-xorta, il-kwalità u l-iskop intiż tal-oġġetti li dwarhom saret it-talba għal reġistrazzjoni. Qalet li huwa ċar li hawnhekk *si tratta* ta’ espressjoni fittizja “SIZZZLERS” u mhux ta’ xi espressjoni li tintuża komunement dwar l-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni, u li s-sinjal propost minnha huwa kapaċi jiffunzjona b’mod li bih jistgħu jintgħarfu l-oġġetti tagħha minn dawk ta’

impriżi oħra. Qalet li l-kelma "SIZZZLERS" ma tikkonsistix f'informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-oġġetti li dwarhom ġiet applikata, u l-kelma mhijiex deskrittiva bl-ebda mod.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Kontrollur appellat baqa' qatt ma spjega ruħu dwar il-pożizzjoni tiegħu, jew dwar l-insistenza tiegħu fuq il-pożizzjoni li ħa li jiċħad it-talba tagħha, iżda hija fehmet li r-rifjut tal-appellat ġej mill-fatt li huwa qiegħed isostni li l-kelma "SIZZZLERS" għandha l-istess tifsira fil-prinċipju tal-kelma Ingliża *"sizzle",* u għalhekk mhijiex reġistrabbli dwar l-oġġetti li għalihom saret it-talba, għaliex il-kelma "SIZZZLERS" tiddeskrivi dawn l-oġġetti. Is-soċjetà appellanta qalet li l-applikazzjoni tagħha saret biss dwar il-kelma fittizja u mingħajr ebda tifsira "SIZZZLERS", u l-kelma *"sizzle"* lanqas biss hija parti mill-marka proposta. Qalet li anki l-kelma *"sizzle"* għandha tifsiriet varji fil-lingwa Ingliża, u tista' tintuża kemm bħala verb kif ukoll bħala nom, u din il-kelma tista' tintuża f'kuntesti varji, u għalhekk ma jistax jiġi preżunt li l-konsumatur ser jagħmel konnessjoni diretta bejn il-kelma u l-oġġetti li dwarhom saret l-applikazzjoni li tinsab taħt skrutinju. Is-soċjetà appellanta qalet li l-applikazzjoni tagħha saret b'rabta ma' *snacks* tal-patata, u l-kelma *"sizzle"* fit-tifsira tagħha kif relatata mat-tisjir ta' ikel, m'għandhiex riferiment dirett jew indirett b'rabta' ma' *snack food* magħmula mill-patata. Qalet li għalhekk huwa żbaljat il-Kontrollur appellat meta jgħid li l-applikazzjoni tagħha għandha tiġi emendata għal waħda figurattiva, sabiex tiġi reġistrata b'dan il-mod, u b'kundizzjoni ta' reġistrazzjoni li tillimita d-drittijiet tas-soċjetà appellanta biss u unikament għal dik ir-rappreżentazzjoni partikolari. Qalet li l-Kontrollur hawnhekk qiegħed jistultifika l-kreattività tagħha billi jostakolaha milli tottjeni l-protezzjoni esklussiva li jistħoqqilha dwar il-marka kreattiva "SIZZZLERS", li hija

frott l-intellett tagħha, u li ma toltrepassax il-limiti tal-liġi dwar ir-reġistrabbilità oġġettiva ta' marka fuq raġunijiet assoluti *ai termini* tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Kap. 597, għaliex din l-espressjoni ma sservix biex tiddeskrivi l-prodott jew xi karatteristika tiegħu.

9. Is-soċjetà appellanta saħqet li l-istess Kontrollur ma kellu l-ebda diffikultà biex fi bnadi oħra, jirreġistra espressjonijiet aktar kontroversjali minn din tagħha, u ċċitat bħala eżempji l-marki "MEGA MEAL" u "HOT WINGS", kif ukoll tat-*trademark* numru 43370 fejn il-kelma "SIZZLERS" hija murija b'mod distintiv, sabiex tirreferi għal prodotti ta' laħam, zalzett u tjur. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa hawnhekk fejn il-kelma "SIZZLE" jaf tkun assoċjata mal-metodu ta' sajran ta' dawn il-prodotti, u mhux il-marka proposta minnha. Is-soċjetà appellanta saħqet li lanqas ma jista' jingħad li l-marka proposta minnha b'xi mod tista' titqies li tirreferi għad-definizzjoni li bdiet tidher dan l-aħħar fuq xi *search engines,* fejn il-kelma *"sizzler"* qiegħda tirreferi għal platt partikolari li jissajjar f'Mumbai, fejn l-ikel jissajjar b'mod partikolari u jkun hemm *"sizzle"*. Is-soċjetà appellanta qalet li l-applikazzjoni tagħha hija għal *snack* jew ikla żgħira magħmula mill-patata u l-oġġetti li għalihom tirreferi l-applikazzjoni tagħha, ma tistax titqies li tirreferi għal ikel ippreparat jew servut b'dan il-mod.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li s-soċjetà appellanta qiegħda tressaq aggravju uniku, li huwa għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi, għaliex fil-fehma tagħha l-kelma "SIZZZLERS" ma tistax titqies li hija deskrittiva tal-oġġetti li għalihom qiegħda tintalab it-*trademark.* Qal li dan l-aggravju mhuwiex meritat,

u l-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mis-soċjetà appellanta m'huwa fondat. Qal li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea spjegat li l-objettiv tal-artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament 40/94, analogu għall-artikolu 5(1)(ċ) fil-liġi Maltija, u dan b'riferiment għall-każ ***Doublemint,*** deċiż fit-23 ta' Ottubru, 2023, li l-projbizzjoni hija maħsuba fl-interess pubbliku, u dan sabiex kliem jew sinjali deskrittivi marbuta mal-karatteristiċi ta' oġġetti jew servizzi li fir-rigward tagħhom tintalab reġistrazzjoni, ma jkunux jistgħu jiġu reġistrati għall-użu esklussiv ta' operatur ekonomiku wieħed biss. Qal li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tikkonferma li kliem ta' tifħir li jirreferi għal xi kwalità superjuri ta' xi prodott, jew kliem li jirreferi għall-kwalitajiet inerenti ta' prodott, ma jistax jifforma *trademark.* Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għal xi deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu b'eżempji attwali. Qal ukoll li kien hemm każijiet fejn il-EUIPO irrifjutat li tirreġistra *trademarks* li jinkludu l-morfema *"sizzle"* abbażi tal-artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament 2017/1001, li huwa analogu għall-artikolu 5(1)(ċ) fil-liġi Maltija. Qal li huwa għalhekk li t-*trademark* ġiet rifjutata għal kull prodott tal-ikel, inkluż patata moqlija, u anki għal ikel ieħor bħal zalzett.

11. L-appellat qal li kif tgħid is-soċjetà appellanta stess fir-rikors tal-appell tagħha, it-tifsira komuni tal-kelma *"sizzle"* tirreferi għall-ħoss li jagħmel l-ikel meta jinqela jew jissajjar, u għalhekk huwa ċar li l-kelma *"sizzlers"* hija mibnija fuq il-morfema *"sizzle",* b'tali mod li l-konsumatur medju jifhem li *"sizzler"* huwa nom analogu għall-verb *"to sizzle"*. Qal li għalhekk mhuwiex minnu li l-kelma proposta hija kelma fittizja jew li ma tfisser xejn, u dan l-argument għandu jitwarrab. L-appellat qal li t-*trademark* qiegħda tintalab fir-rigward ta' *snacks* tal-patata, li huwa prodott li komunement jissajjar bil-qali, u għalhekk

jirriproduċi l-ħoss li jsir riferiment għalih meta ngħidu *"sizzle"*. Qal li fil-fatt din il-kelma komunement tintuża biex tirreferi għall-metodu tal-qali tal-patata, u toħloq konnotazzjoni pożittiva f'moħħ il-konsumatur. L-appellat saħaq li r-reġistrazzjoni tal-kelma "SIZZZLERS" f'dan il-każ ikollha l-effett li tipprekludi negozjanti oħra fis-suq tal-ikel magħmul mill-patata milli jużaw il-kelma *"sizzle"*, *"sizzling"* jew *"sizzlers"* biex jiddeskrivu l-prodott tagħhom f'każijiet fejn dawn ikollhom dik il-karatteristika. Qal li b'hekk is-soċjetà appellanta tkun qiegħda tingħata vantaġġ li jmur kontra l-interess pubbliku. Qal li huwa għalhekk li l-kelma "SIZZZLERS" tista' titqies bħala deskrittiva fis-sens tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Kap. 597, peress li tikkonsisti esklussivament f'sinjal li jista' jservi fil-kummerċ biex ifisser ix-xorta, il-kwalità, l-iskop intiż u karatteristiċi oħra tal-prodott.

12. L-appellat saħaq li l-fatt waħdu li l-kelma "SIZZZLERS" hija miktuba b'Z tripla mhuwiex biżżejjed biex jegħleb ir-raġuni tar-rifjut, u żied jgħid li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea hija konsistenti meta tgħid li sempliċi *'misspelling'* mhux biżżejjed biex irendi karattru distintiv lil *trademark* deskrittiva. Qal ukoll li d-differenza bejn "SIZZZLERS" u "SIZZLERS" mhijiex waħda fonetika jew semantika, iżda hija differenza viżwali, tant hu hekk li wieħed lanqas jinduna biha immedjatament. L-appellat qal li min-naħa tiegħu huwa kien diġà informa lis-soċjetà appellanta li *trademark* figurattivament rappreżentata b'mod distint fuq l-istess prodotti, kienet ser tiġi aċċettata, iżda s-soċjetà appellanta baqgħet tinsisti li hija għandha dritt għall-użu esklussiv tal-kelma "SIZZZLERS" sabiex kuntrarjament għall-interess pubbliku, l-ebda kummerċjant ieħor li jbiegħ *chips* jew *fries* ma jkun jista' jirreklama jew jiddeskrivi l-prodotti tiegħu bħala "sizzlers" jew "*products that sizzle*".

13. L-appellat qal li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, il-EUIPO mhux marbut bil-prassi preċedenti tiegħu, iżda kull applikazzjoni għandha titqies għaliha. Qal li lanqas hu m'huwa marbut b'deċiżjonijiet preċedenti tiegħu stess, u deċiżjonijiet preċedenti tiegħu jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni, imma wieħed irid jagħtihom importanza skont ir-rilevanza tagħhom għall-każ, u bl-ebda mod ma jistgħu jorbtu d-deċiżjoni finali tiegħu. Qal li għalhekk id-deċiżjonijiet preċedenti li tistrieħ fuqhom s-soċjetà appellanta, mhumiex ta' rilevanza għad-deċiżjoni li trid tittieħed minnu. Qal li s-soċjetà appellanta tirreferi għat-*trademark* Ewropea "SIZZLER" meta din it-*trademark* ġiet irreġistrata fuq prodotti tal-ikel li ma jissajrux bil-metodu tal-qali. Qal ukoll li din it-*trademark* kienet ilha li ġiet reġistrata, u din skadiet mingħajr ma ġiet imġedda. Żied jgħid li lanqas it-*trademark* Ewropea "SIZZLE & DRIZZLE" ma ġiet irreġistrata fuq ikel li jinqela, u din il-marka hija aktar distintiva għaliex hika parti minn frażi kumplessa. L-appellat qal li anki t-*trademarks* domestiċi "MEGA MEAL" u "HOT WINGS" huma aktar distintivi għaliex magħmula minn żewġ kelmiet, u huma rreġistrati bid-*disclaimers* li n-negozjanti li jagħmlu użu minnhom għandhom dritt esklussiv fuq l-użu taż-żewġ kelmiet flimkien. L-appellat qal li lanqas it-*trademark* figurattiva-verbali "SIZZLERS" li jagħmel riferiment għaliha l-appellanta m'hija ta' konfort għaliha, għaliex din mhix sempliċiment *trademark* verbali, iżda hija *trademark* figurattiva-verbali. Qal li r-reġistrazzjoni għal din il-marka ilha li ngħatat mill-21 ta' Ġunju, 2005, u għalhekk issa li għaddew għoxrin sena ma tistax titqies li toħloq xi forma ta' preċedent. Qal ukoll li l-istess *trademark* skadiet fis-7 ta' April, 2015 u għalhekk ma tistax titqies li għandha xi saħħa fis-suq domestiku. L-appellat qal li l-ebda

waħda mir-reġistrazzjonijiet iċċitati mis-soċjetà appellanta ma tista' titqies li hija rilevanti għall-applikazzjoni għat-*trademark* odjerna.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Kontrollur appellat, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet rispettivi.

*L- Aggravju:* *[Il-Kontrollur appellat applika l-liġi b'mod żbaljat meta ċaħad l-applikazzjoni tal-appellanta ]*

15. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Kontrollur appellat naqas milli japplika s-setgħat u d-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi b'mod tajjeb, u dan meta invoka l-artikolu 48(3) tal-Kap. 597 sabiex jiċħad l-applikazzjoni tagħha. Tgħid li l-marka proposta minnha tammonta għal kelma vvintata, u li din mhijiex espressjoni li tintuża b'mod komuni fir-rigward tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni. Żiedet tgħid li l-marka bl-ebda mod m'hija deskrittiva tal-karatteristiċi tal-prodott, u li ordinarjament il-kelma *"to sizzle"* għandha tifsiriet varji għaliex tista' tintuża f'kuntesti varji, u għalhekk m'għandux jiġi preżunt li konsumatur medju sejjer jagħmel konnessjoni awtomatika u diretta bejn il-marka proposta minnha u l-prodott li hija qiegħda tpoġġi fis-suq.

16. Il-Qorti kkunsidrat il-marka proposta fid-dawl tal-fatt li l-marka tikkonsisti minn sensiela ta' ittri "SIZZZLERS" li fonetikament jistgħu jitqiesu li jammontaw għal kelma derivata mill-verb Ingliż *"to sizzle"*, u li f'kuntest kulinarju għandha

tifsira partikolari ħafna. Dan għandu sinifikat minħabba li l-oġġett jew il-prodott li s-soċjetà appellanta qiegħda tittenta tkopri b'din il-marka, huwa prodott maħsub għall-konsum bħala ikel. Il-Kontrollur appellat ħeġġeġ lis-soċjetà appellanta tvarja ftit il-marka proposta minnha, billi minflok damma ta' ittri li jiffurmaw kelma, ikun hemm ukoll karatteristiċi figurattivi li jirrendu l-marka proposta minnha waħda aktar distintiva. Il-Kontrollur appellat informa lill-appellanta li huwa ma jkollu l-ebda diffikultà jirreġistra tali marka kif varjata, jiġifieri b'karatteristiċi viżivi distinti minn dawk proposti sa issa. Il-Qorti tosserva kif ir-regoli li japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' marki kummerċjali huma maħsuba fl-interess pubbliku, sabiex il-konsumatur ikun jista' jagħmel distinzjoni bejn prodott u ieħor, u sabiex l-ebda konsumatur ma jitħajjar jixtri prodott minħabba xi attributi jew deskrizzjoni li tirriżulta mill-marka kummerċjali li tirreferi għalih. F'dan ir-rigward għandu jingħad li l-kelma "SIZZZLERS" għandha rabtiet morfemiċi mal-verb *"to sizzle",* u fil-kuntest ta' prodott li qiegħed jiġi offrut lill-konsumatur għall-konsum bħala ikel, hemm ir-riskju li l-konsumatur medju jagħmel konnessjoni bejn is-*snack* tal-patata li qiegħed jixtri u l-metodu kif dan ġie msajjar, jiġifieri permezz ta' proċess ta' qali. Il-marka kif proposta tista' wkoll ixxekkel negozjanti oħra milli jagħmlu użu mill-istess kelma sabiex jirreferu għal prodotti oħra tal-ikel ipprovduti minnhom.

17. Wara li qieset il-provi kollha miġjuba, il-Qorti hija tal-fehma li l-marka kif proposta mis-soċjetà appellanta tista' titqies li hija deskrittiva tax-xorta tal-prodott jew ta' xi kwalità tiegħu, senjatament il-metodu kif dan jissajjar, b'tali mod għalhekk li tista' tinħoloq konfużjoni f'moħħ il-konsumatur medju dwar xi kwalità li dan il-prodott jirriżulta li m'għandux. Il-Qorti għalhekk qiegħda tiċħad l-appell tas-soċjetà appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kontrollur appellat tat-3 ta' April, 2024, kif ikkonfermata fil-25 ta' Ġunju, 2024.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**